**QORTI CIVILI - PRIM'AWLA**

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' Jannar, 2025**

**Kawża Numru: 8**

**Rikors Guramentat Numru:- 1270/2021JVC**

**Nazzareno Barbara (K.I.: 827254M)**

**vs**

**Giuseppa Barbara (K.I.: 785247M), Benigno Barbara (K.I.: 303571M), Francois Barbara (K.I.: 265280M), Silio Barbara (K.I.: 427487M), Carmelina sive Charmaine Ricca (K.I.: 30975M) u Antoine Barbara (K.I.: 406790M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat illi permezz tieghu r-rikorrent Nazzareno Barbara talab kif isegwi:

'1. Illi din hija azzjoni ta' spoll dwar l-għalqa magħrufa bħala "Ħabel it-Twil" tal-kejl ta' circa 8,198 meters squared fl-inħawi ta ' Fuq Għar Dalam f'tax-Xerriek fil-limiti ta' Birzebbugia, liema art tidher immarkata fuq pjanta annessa u mmarkata "Dok. A";

2. Illi l-esponenti ilu jaħdem ir-raba' de *quo uti dominus* għal snin twal. Qabel l-esponenti, ir-raba' kien jaħdimha missieru Consiglio Barbara. Maż-żmien il-mejjet ħuh Spiridione Barbara (li tiegħu l-konvenuta Giuseppa Barbara hija l-armla waqt li l-konvenuti l-oħra huma wliedu) daħal ukoll jaħdem l-istess raba' bil-kuntentizza tal-esponenti. L-aħwa kienu jagħmlu spejjeż kemm flimkien (bħal meta bnew vaska), kif ukoll separatament kif se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża. Billi l-mejjet Spiridione Barbara kien raħħal armat bil-bhejjem, il-parti l-kbira tar-raba' *de quo* kien jinħadem għall-magħlef waqt li l-esponenti dejjem żamm parti mir-raba' għall-użu tiegħu u tal-familja tiegħu, sija biex ikabbru prodott kif ukoll għad-delizzji tagħhom;

3. Illi sakemm kien għadu ħaj Spiridione Barbara madwar sitt snin ilu, l-aħwa u wliedhom ikkoeżistew f'armonija mingħajr inkwiet;

4. Illi fl-aħħar xhur beda jinħema l-inkwiet wara l-konvenut Benigno Barbara kellem lill-esponenti u avżah li kien beħsiebu jkellem avukat biex jirregolaw l-affarijiet ta' bejniethom u jsir trasferiment tar-raba' *de quo.* Fil-fatt, iben l-esponenti Consuelo Barbara kien attenda flimkien mal-attur fl-uffiċju tal-avukat Emmy Bezzina sabiex isiru prattiċi għal dan il-għan. Ciononostante, xi

żmien wara l-esponenti kkonffronta lil Benigno Barbara u dan wara ħafna tidwir mal-lewża wrieh li kien għamel azzjonijiet fejn ħaseb għal rasu. L-esponenti tkellem mal-avukat Bezzina li da parti tiegħu qallu biex jirranġa ma' Benigno Barbara. Għalhekk minnufih l-esponenti ordna riċerki fir-Reġistru Pubbliku. Meta madwar xahar wara waslu r-riċerki, l-esponenti ġie a konoxxenza tal-fatt li l-konvenut Benigno Barbara resaq quddiem in-Nutar Patrick Critien u b'att tal-21 ta 'April 2021 (Dok. B) ittransunta dikjrazzjonijiet biex jasserixxi jedd ta' proprjeta' fuq ir-raba '*de quo*;

5. Illi b'ittra uffiċjali tat-23 ta' Ġunju 2021 (Dok. C), l-esponenti interpella lill-atturi sabiex jieqfu u jeddeżistu milli jieħdu passi ulterjuri biex jasserixxu xi jedd ta' proprjeta' li jafu tajjeb li m'għandhomx. L-atturi wieġbu permezz ta' ittra reġistra (Dok. D) liema ittra għalkemm immarkata "strettament mingħajr preġudizzju" illum ġiet preżentata f'atti ġudizzjarji;

6. Illi fl-aħħar jiem, l-esponenti ġie notifikat bl-atti tal-kawża fl-ismijiet inversi (Rik. Ġur. Nru: 1136/2021CFS) (Dok. E), għal-liema kawża l-esponenti ippreżenta risposta ġuramentata il-bieraħ stess 21 ta' Diċembru 2021. Jiġi rilevat li permezz tal-imsemmija kawża, il-konvenuti qegħdin jitolbu li l-esponenti jiġi ordnat joħroġ mir-raba' *de quo;*

7. **Illi ġara madankollu li ftit tal-ħin wara li l-esponenti ippreżenta l-imsemmija risposta ġuramentata, huwa niżel fl-għalqa *de quo* u sab li l-konvenuti jew min minnhom, mhux talli ma stennewx l-eżitu tal-kawża li fetħu huma stess, talli b'mod arbitrarju u mingħajr ebda kunsens tal-istanti, daħlu fil-parti tar-raba' li kienet tintuża esklussivament mill-esponenti u wliedu, ikkapparawha u żrawha huma kif jidher mir-ritratt anness u**

**mmarkat "Dok. F". L-esponenti għamel minnufih rapport mal-Pulizija eżekuttiva bin-numru 5/J/3791/2021;**

**8. Illi rinfaċċjat minn din is-sitwazzjoni l-esponenti ma kellu ebda għażla oħra għajr li jirrikorri għall-ħruġ ta' Mandat ta ' Inibizzjoni għaliex hu ċar li l-intimati ser ikomplu jtellfu lill-esponenti mit-tgawdija tal-ambjenti rimanenti minn dawk deskritti aktar 'l fuq u bħalma l-bieraħ daħlu f'parti mir-raba' li jaħdem l-esponenti, fil-jiem li ġejjin se jkomplu javvanzaw fuq il-ftit li baqgħlu f'idejh l-esponenti;**

9. Illi tali aġir jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-esponenti u billi (tenut kont tal-manuvri li saru fl-aħħar xhur) m'hemm ebda possibilita' li tali agir jiġi rimedjat jekk mhux b'intervent ġudizzjarju, l-esponenti kellu jirrikorri għal din l-azzjoni;

10. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi l-konvenuti, jew min minnhom, wettqu spoll riċenti, vjolenti u klandestin fil-konfront tal-esponenti u għalhekk huma jew min minnhom għandhom jiġu kkundannati sabiex u jirrintegraw lill-esponenti fit-tgawdija tal-beni *de quo*;

Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikjara illi għar-raġunijiet premessi, il-konvenuti jew min minnhom ikkommettew spoll riċenti, vjolenti u klandestin fil-konfront tal-attur u dan meta daħlu u żergħu fil-parti li kienet

tintuża esklussivament mill-esponenti u wliedu mill-għalqa magħrufa bħala "Ħabel it-Twil" tal-kejl ta' *circa* 8,198 metri kwadri fl-inħawi ta' Fuq Għar Dalam f'tax-Xerriek fil-limiti ta' Birżebbugia;

2. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi żmien qasir u perentorju li jigi lilhom perfiss, joħorġu mill-imsemmija raba' u jneħħu minn hemm kwalsiasi ħaġa appartenenti lilhom u dan sabiex l-istanti jerġa' jiġi mqiegħed fil-pussess jew detenzjoni tal-imsemmija parti mill-għalqa magħrufa bħ ala "Ħabel it-Twil" tal-kejl ta' *circa* 8,198 metri kwadri fl-inħ awi ta' Fuq G ħ ar Dalam f'tax-Xerriek fil-limiti ta' Birżebbugia;
3. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-istanti jagħmel dak kollu meħtieġ a spejjez tal-konvenuti, jew min minnhom, sabiex l-istanti jerġa' jiġi mqiegħed fil-pussess jew detenzjoni tal-imsemmija parti mill-għalqa magħrufa bħala Ħabel it-Twil" tal-kejl ta' *circa* 8,198 metri kwadri fl-inħawi ta' Fuq Għar Dalam f'tax-Xerriek fil-limiti ta' Birżebbugia u dan *occorrendo* taħt is-supervizjoni ta' periti nominandi;

Bl-ispejjeż inkluż dawk tal-mandat ta' inibizzjoni preżentat kontestwalment, kontra l-konvenuti, jew min minnhom, min issa inġunti in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istanti.'

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Giuseppa Barbara, Benigno Barbara, Francois Barbara, Silio Barbara, Carmelina sive Charmaine Ricca u Antoine Barbara li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament dina l-kawza hija nulla u invalida, frivola u vessatorja, kif jigi mfisser fil-mori tas-smiegh tal-kawza, u dana 'l wisq Onorabbli Qorti ghandha tiehu mizuri skont il-Ligi fil-konfront tar-Rikorrenti tal-hela ta' zmien prezzjus ta' dina l-Qorti u tal-intimati FAMILJA BARBARA, apparti mill-ispejjez zejda li l-intimati ddahlu fihom, peress illi r-Rikorrenti (li jigu hu izghar mill-mejjet huh akbar SPIRIDIONE) jaf ben tajjeb illi huwa ma ghandu ebda jeddijiet fuq l-art mertu ta' dina l-kawza, u allura wisq anqas xi pretenzjonijiet ta' natura legali u/ jew fattwali.

2. Illi allura si segwe illi ma jezisti ebda kaz ghall-azzjoni ta' spoll billi l-art in kwistjoni llum hija proprjeta' assoluta tal-INTIMATI FAMILJA BARBARA b'Titolu ta' PRESKRIZZJONI AKKWIZITTIVA (Kapitlu 16 – KODICI CIVILI) peress illi ghal iktar minn 50 sena, dina l-medda ta' art fi Triq ix-Xerriek – Birzebbugia, dejjem kienet fil-pussess tal-INTIMATI, qatt hadd ma kkontesta dana l-fatt, u anke l-Awtoritajiet Kompetenti fil-Qasam ta' Artijiet Rurali dejjem irrikonoxxew lill-mejjet SPIRIDIONE BARBARA bhala t-TITULARI TAL-ART mertu ta' dina l-kawza, u meta miet SPIRIDIONE u l-HAMES ULIEDU, li erbgha minnhom ghandhom ghozzieba (mhux mizzewgin).

3. L-Attur Nazzareno jigi hu izghar minn SPIRIODIONE u qatt ma kellu x'jaqsam mal-art in kwistjoni taht ebda TITOLU, biss peress illi jhobb jonsob, il-mibki SPIRIODIONE kien

jippermettilu b'semplici MERA TOLLERANZA li jutilizza parti zghira minn dina l-art ghall-objettivi tal-INSIB, biss dana BISS B'MERA TOLLERANZA. Illi dana kollu jafu ben tajjeb l-ATTUR u ghalhekk dawna l-proceduri legali saru biss b'pika u sfida kontra l-Familja ta' huh meta sar jaf illi l-INTIMATI FAMILJA BARBARA rregistraw dina l-Art mal-IDENTITY MALTA bhala l-Proprjeta' taghhom skont il-ligi, b'TITOLU TA' SIDIEN ASSOLUTI a bazi tal-Instituzzjoni Legali tal-Preskrizzjoni, u partikolarment Preskrizzjoni Akkwizittiva.

4. L-Attur tatu rasu f'fernizija u mar ghand l-Awtoritajiet Rurali f'pajjizina fejn ghamel Dikjarazzjoni Falza li huwa kellu "bicca" minn dina l-art meta dana qatt ma kien il-kaz. B'rizultat, l-Awtoritajiet Rurali bghatu ghall-INTIMATI FAMILJA BARBARA u filwaqt li tennewlhom li l-Art hija rregistrata fuq isem SPIRIDIONE BARBARA llum mejjet, u kienet ilha hekk irregistrata sa' mill-1973 (igifieri kwazi 50 sena ilu!!!) u qabel fuq isem missier Spiridione, u cioe' KONSU BARBARA, mela iktar minn 60 sena, kien ikun ahjar li l-INTIMATI (biex l-Attur, iz-ziju Nazzareno, ma jibqax ilissen kliem zzejjed u jibqa' jinqala' l-inkwiet u jdahhal fi spejjez bala bzonn lill-intimati qrabatu bi pretenzjonijiet fittizji u inezistenti bhalma hija dina l-kawza odjerna) jisigillaw it-Titolu taghhom ta' Sidien Assoluti skont il-Ligi permezz ta' Preskrizzjoni Akkwizittiva, billi jmorru l-Qorti u permezz ta' Sentenza mill-Qrati tal-Gustizzja nostrana, jikkonfermaw dana t-Titolu ta' Sidien, naturalment u jigi kkonfermat li l-Attur ma ghandu assolutament ebda forma ta' jeddijiet fuq dina l-medda ta' art li hija ta' aktar minn tmien telef metru kwadru w li minnha l-INTIMATI jaqilghu bhala bdiewa l-ghixien taghhom specjalment permezz tal-ikbar mill-ahwa BENIGNO BARBARA tfulitu tant li lanqas skola

ma mar biex dejjem kien jibqa' ma' djul missieru SPIRIDIONE. Dana ta' l-ahhar permezz ta' Testment halla kollox lill-martu u lill-uliedu, u cioe' lill-INTIMATI FAMILJA BARBARA kif hawn indikati fl-okkju ta' dina l-kawza;

5. Effettivament, l-INTIMATI FAMILJA BARBARA, kif tawhom parir l-Awtoritajiet Agrikoli / Rurali f'pajjizna, intavolaw kawza kontra l-Attur odjern fl-ismijiet: "Guzeppa sive Josephine Barbara, Beningno Barbara, Carmelina sive Charmaine Ricca, Antoine Barbara, Francios Barbara u Cilio jew Ciglio sive Silio Barbara – versus – Nazzareno Barbara", Rikors Mahluf Numru: 1136/2021, fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili ppresedut mill-Onorevoli Mhallef CHRISTIAN FALZON SCERRI. Dina l-kawza kienet giet intavolata nhar it-18 ta' Novembru, 2021, u appuntata ghall-ewwel dehra ghal nhar it-Tlieta, 25 ta' Jannar, 2022, fit-8.15 ta' filghodu. It-tieni dehra hija skedata ghal nhar il-Gimgha, 11 ta' Marzu 2022, fit-8.15 ta' filghodu, ghat-trattazzjoni dwar eccezzjonijiet preliminari ssolevati mill-Attur odjern.

6. Illi dina l-Onorabbli Qorti kif ippreseduta f'dina l-kawza hija mitluba li tordna li jkun hemm kopja ufficcjali tal-Atti Processwali tar-Rikors Guramentat, Referenza Numru 1136/2021 – CFS, referuta fil-paragrafu precedenti, allaccjata mal-Atti Processwali tal-kawza odjerna, halli jigi determinat minn dina l-Onorabbli Qorti kif ippreseduta f'dina l-kawza, jekk hux il-kaz skont il-Ligi li dina l-kawza tigi mwaqqfa a spejjez kollha tal-Attur stante li l-mertu taghha jimpingi direttament fuq il-mertu tal-kawza 1136/2021 – CFS, bl-istess partijiet u dwar l-istess medda ta' art fi Triq ix-Xerrieq gewwa Birzebbugia, stante li l-kawza Numru 1136/2021 – CFS giet intavolata nhar it-18 ta' Novembru, 2021, waqt li dik odjerna

Referenza Numru 1270/2021 – JVC giet intavolata nhar it-23 ta' Dicembru, 2021, gimghat wara. Dana malli l-Attur gie notifikat bil-kawza hawn fuq indikata tal-intimati Familja BARBARA u wara li l-Attur odjern kellu talba li huwa ghamel fil-konfront tal-Intimati/Konvenuti BARBARA ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru Referenzjali 1912/2021 – ISB relatat proprju mal-medda ta' art in kwistjoni f'Birzebbugia, proprjeta' assoluta tal-intimati Familja BARBARA, michuda permezz ta' Digriet/Sentenza li nghatat nhar il-Gimgha 21 ta' Jannar , 2022 minn dina l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Onorevoli Mhallef Dottor Ian SPITERI BAILEY: kopja tad-Digriet / Sentenza hawn mehmuza – Dokument ISB1. Illi l-konvenut tar-Rikors relatat mal-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni (michud mill-Qorti) u ta' dana rt-Rikors odjern mill-Attur huma identici li jfisser li l-Attur jaf ben tajjeb li qed jahli l-hin ta' kull min huwa involut jew se jigi nvolut apparti mill-ispejjez li jinholqu ghalxejn lill-INTIMATI FAMILJA BARBARA.

7. Illi stante li l-mertu f'dawna l-kawzi huwa l-istess, kif inhuma l-partijiet kontendenti, u l-parametri tal-kawzai huma simili, dina l-kawza odjerna ghandha jew titwaqqaf minnufih a spejjez kompleti tal-Attur jew inkella tintbaghat quddiem dina l-Qorti diversament ippresedut mill-Onorevoli Mhallef Christian Falzon Scerri skont il-ligi u ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija fil-paragrafi precedenti, u b'hekk jigi evitat hafna hela ta' hin, energija, ripetizzjonijiet u fuq kollox strapazz u spejjez billi waqt illi l-Attur huwa pensjonant, il-kovenuti kollha huma impenjati fuq hidma kontinwa marbuta mal-hidma taghhom fuq dina l-medda ta' art f'Birzebbugia, proprjeta' taghhom.

8. Illi f'dana x-xenarju fattwali nkwadrat fi proceduri legali diga' qed jirrizulta carissimu, u strettament minghajr pregudizzju, illi ma hemmx ebda bazi legali jew fattwali ghala dina l-kawza ghandha tibqa' miexja u zzied fil-hela ta' hin u spejjez, apparti milli huwa tant ovvju ghal min irrid ikun onest u jirraguna li ma hemm ebda kaz ta' spoll li jirrikjedi terminu ta' xahrejn, meta x-xenarju in kwistjoni ilu hekk ghal iktar minn SITTIN SENA fejn l-INTIMATI FAMILJA BARBARA kellha dina l-art f'idejha minghajr ebda forma ta' kontestazzjoni, waqt li l-Attur qatt ma kien involut lanqas meta kien talbu missieru KONSU biex ikun involut, missieru li huwa mejjet illum, u b'hekk l-art mertu ta' dina l-kawza kienet ghaddit fl-idejn ta' SPIRIDIONE BARBARA u meta dana ta' l-ahhar miet, ir-rieda testamentarja ta' SPIRIDIONE flimkien ma' dik ta' martu GIUZEPPA sive Josephine kienet li l-medda ta' art in kwistjoni tghaddi f'idejn l-INTIMATA FAMILJA BARBARA. Il-kumment ta' dina l-Qorti mill-fomm tal-Onorevoli Mhallef Ian Spiteri Bailey huwa wiehed car u kategoriku li l-Attur lanqas biss ipproduca Dokument wiehed biss jew xi prova konkreta li l-Attur kellu x'jaqsam ma' dina l-Art u ghalhekk it-Talba ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1912/2021 – ISB giet michuda bl-ISPEJJEZ KOLLHA kontra l-Attur odjern!!

9. Illi allura u strettament minghajr pregudizzju ghal dak li nkiteb hawn fuq f'dawn l-1,437 kelma sa dana l-istadju, it-tlett talbiet tal-Attur huma assolutament frivoli u vessattorji u ghandhom jigu michuda bi spejjez mizjuda fid-diskrezzjoni tal-Qorti kontra l-Attur. Dana minhabba ta' nuqqasijiet procedurali mehtiega skont il-ligi, mhux lanqas li ma gie kommess ebda spoll ricenti (perijodu ta' xahrejn skont il-ligi), vjolenti jew klandestin da parti tal-INTIMATI versu l-Attur, fatti sagri li l-Attur jaf ben tajjeb li hekk huwa l-kaz u kif

konfermat anke fis-Sentenza / Digriet tal-21 ta' Jannar, 2022, moghtija minn dina l-Qorti diversament ippreseduta kif gie mfisser fil-Paragrafu 6 u kif muri permezz tad-Dokument ISB1;

10. Illi strettament minghajr pregudizzju, jekk dina l-kawza titkompla skont id-diskrezzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti, l-INTIMATI FAMILJA BARBARA ghandhom numru ta' Dokumenti x'jesebixxu u numru ta' Xhieda x'jipproducu kemm tramite Affidavits kif ukoll Viva Voce. Il-punt huwa li ma kienx ebda spoll billi l-Attur ma ghandu ebda jeddijiet fuq dina l-Art, is-Sidien huma l-INTIMATI FAMILJA BARBARA skont il-Ligi u l-Attur SEMPLICIMENT B'MERA TOLLERANZA kien jithalla jutilizza bicca zghira minn dina l-medda art ghall-iskopijiet ta' insib, billi l-Attur mhux bidwi u bilkemm qatt ghazaq jew qabad zappun, ghadtilli dawna l-aspetti sejrin johorgu fil-kawza li hemm pendent quddiem dina l-Qorti diversament ippreseduta, kif gie spjegat;

11. Illi l-Attur mhux veru li qatt hadem xi rabgha, kif qed jixhed falz ghal darb'ohra fir-Rikors Guramentat tieghu odjern: lanqas biss jaf x'ifisser il-hidma ta' BIDWI u QATT ma kellu dina l-art abbinata jew irregistrata fuq ismu, kif jikkonferma id-Dokument ISB 2 li jindika mill-Awtoritajiet kompetenti u validi li l-art in kwistjoni l-ewwel kienet fuq KONSU (ossija CONSIGLIO) BARBARA, wara KONSU inqalbet fuq SPIRIDIONE BARBARA u issa martu u l-hames uliedu huma l-proprjetajri assoluti ta' dina l-art a bazi tal-Preskrizzjoni Akkwizittiva skont il-Ligi. L-Attur odjern QATT u QATT ma kellu x'jaqsam ma' dina l-medda ta' art ghajr kif qed hawn jigi mfisser. Missier l-Attur kien ipprova ihajru biex jahdem dina l-art ma' Spiridione huh akbar, izda l-Attur dejjem irrifjuta

ghax kien jippreferi stil ta' hajja iktar komda u anqas strappazanti. NAZZARENO BARBARA qed jiehu GURAMENT FALZ u l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba li tiehu passi bil-proceduri idoneji fil-konfront tal-Attur. L-ATTUR QATT MA KIEN INVOLUT FIL-HIDMA TA' DINA R-RABGHA U QATT MA GHAMEL XEJN GHAJR B'MERA TOLLERANZA BIEX JONSOB F'PARTI ZGHIRA ta' dina l-medda ta' art;

12. L-AVUKAT DOTTOR EMMY BEZZINA jichad kategorikament li huwa tenna dak li hemm imnizzel fit-tielet paragrafu tar-Rikors Guramentat tat-23 ta' Dicembru 2021, fir-rigwar tal-istess Avukat li qed jippattrocina lill-INTIMATA FAMILJA BARBARA kollha. NAZZARENU BARBARA kien ghamel telefonata li damet anqas minn MINUTA, darba wahda biss, lill-Avukat Emmy Bezzina waqt li dana kien f'Sessjoni fl-Ufficju Legali tieghu mal-INTIMATI u Dottor Bezzina qallu li jekk kellu xi diffikultajiet kellu jmur u jfittex Avukat halli jiehu parir: ferm differenti minn dak li jipprova jinsinwa l-Attur b'mod skorett. Illi l-FAMILJA INTIMATA BARABA kollha kemm hi kif deskritta ttranzuntaw il-jeddijiet proprjijetarji taghhom fuq l-art de quo fil-21 ta' April, 2021, u l-Attur far bl-ghira ghal dana l-fatt, tilef fir-raguni u b'mod sfrenetiku ta' lok ghal dawna l-proceduri kollha meta jaf ben tajjeb li ma ghandux ebda vertjerita' f'dak li qed jahlef!!

13. Illi minn dana kollu, anke kif qed jikkonferma l-Attur stess, minn imkien ma huwa qieghed jirrizulta li kien hemm xi spoll; igifieri l-kawza tal-Attur hija prova kategorika li ma jezistux l-element legali ghall-kawza ta' SPOLL u dejjem bla pregudizzju ghal dak li nkiteb sa issa, il-kawza ghandha tigi

mwaqqfa bl-ispejjez kollha, mizjuda, a karigu tal-istess Attur. Il-paragrafu SITTA jipprova dana billi l-ATTUR kien jutilizza parti zghira mill-Ghalqa de quo GHALL-INSIB biss fi ftit jiem tas-sena BISS DEJJEM B'MERA TOLLERANZA u l-INTIMATI issa ma jriduhx iktar hemm, kif DEJJEM KELLHOM u GHANDHOM kull dritt BHALA PROPRIJETARJI ASSOLUTI;

14. Illi fil-21 ta' Dicembru, 2021, l-Attur bhala KONVENUT intavola r-RISPOSTA GURAMENTATA tieghu, mizghuda b'falzitajiet, ghac-Citazzjoni tal-FAMILJA BARBARA bhala Rikorrenti Atturi fejn in sintezi qieghed jirrepeti dak li qal hemm, issa f'dina l-kawza u dana ghax issa kien tilef it-talba biex jinhareg kategoriku u studjat ghala t-Talba ghall-hrug tal-Mandat Ref. Nru. 1912/2021-ISB kienet qedha tigi michuda. Allura ghalfejn saret dina l-kawza fit-23 ta' Dicembru 2021, meta kien fiha l-istess orjentament tal-kawza tal-INTIMATI FAMILJA BARBARA bhala Atturi li giet intavolata fit-18 ta' Novembru, 2021, kif spjegat u l-Attur odjern ipprezenta r-Risposta Guramentata tieghu bl-istess fatti u stqarrijiet kif issottometta fil-kawza odjerna?

15. Illi t-twegiba tista' tkun fil-Paragrafu 7 et sequitur tar-Rikors Promotur, kieku kien vera li Nazzarenu Barbara kellu xi farka jedd fuq dina l-art izda dana mhux il-kaz ghax l-art in kwistjoni hija proprjeta' tal-INTIMATI FAMILJA BARBARA u allura dina l-kawza saret bla sens u bla logika u ghandha tigi mwaqqfa bl-ispejjez kollha kontra l-Attur odjern. Rapporti jistghu jsiru kemm wiehed irid jew jixtieq, imma jkunu vertieri bhal filkaz odjern meta ma humix?

16. Illi ma jaghmilx sens meta dina l-Qorti diversament ippresedut mill-Onorevoli Mhallef Ian Spiteri Bailey iddecidit nhar il-Gimgha, 21 ta' Jannar, 2022, kif gja gie accennat, (u dana wara li giet intavolata l-kawza odjerna) fl-Atti tal-Mandat ta' Inbizzjoni Numru 1912/2021 – ISB, li filwaqt illi r-rikorrent (Nazzareno BARBARA, l-Attur odjern) issostni illi huwa ilu jahdem l-ghalqa flimkien ma' huh (SPIRIDIONE BARBARA), missier/mart l-intimatit, ghal snin twal, huwa ma ressaq ebda prova, mqarr fuq livell *prima facie,* ta' dan. Tqis illi ghalkemm ir-rikorrenti jghid illi b'mod informali, hu u huh kienu qasmu l-art de quo u kulhadd kien jaf liema parti ghandu juza, ghal darb'ohra, naqas milli jipprova dan mqarr fuq livell *prima facie*". L-Attur qed jigdeb u jiehu gurament falz billi qatt ma kellu x'jaqsam mal-medda ta' art in kwistjoni, mertu ta' dina l-kawza, u ghalhekk ma setgha sehh ebda forma ta' SPOLL, vjolenti jew le!!

17. Illi, ghaldaqstant ukoll, dina l-Onorabbli Qorti ghandha bis-setgha taghha tordna kopja legali tal-Atti Processwali relatati mal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1912/2021 – ISB, decizi favur l-INTIMATI FAMILJA BARBARA, BL-ISPEJJEZ B'KOLLOX, u dana proprju ghaliex l-Attur odjern ma ghandu ebda locus standi relatat mal-mertu ta' dina l-kawza billi ma sar jew sehh ebda spoll. Ir-realta' hi li quddiem dina l-Qorti hemm zewg kawzi pendenti, quddiem zewg Imhallfin diversi, fuq l-istess mertu. Din odjerna giet intavola wara l-kawza li pprezentaw l-INTIMATI FAMILJA BARBARA bhala Atturi, kif hawn fuq imfisser;

18. Illi fit-8 paragrafu tar-Rikors Promotur, l-Attur NAZZARENU BARBARA, fit-tieni pagna, jizloq fin-nixef billi huwa stess jirreferi ghall-MANDAT TA' INIBIZZJONI

bhala l-arma legali li huwa ried jutilizza, izda l-Qorti qaltlu car u tond li ma kellu ebda kaz lanqas PRIMA FACIE, u effettivament it-talba li ghamel l-Attur giet rispinta bl-ispejjez kollha kontra tieghu. Dina hija konferma kategorika u mill-iktar cara li ma hemm ebda kaz ta' spoll vjolenti u klandestin, konfermata mill-istess Attur meta tilef it-Talba fil-Mandat li ghamel u dana bl-ispejjez b'kollox;

19. Tant jaf ir-Rikorrenti Attur dawn il-fatti persolament, illi ma ressaq lanqas farka ta' prova sabiex jissostanzjhom u tilef il-Mandat bl-ispejjez!! (vide paragrafu 9, pagna 2, fir-Rikors Promotur). Oltre fid-Dokumenti li esebixxa r-Rikorrenti Attur, ikkonferma ukoll illi kien jaf bil-kawza, Citazzjoni Numru 1136/21-CFS, u allura kien jaf illi dina l-kawza hija biss mera tal-fatti indikati f'dik il-kawza li hija pendenti quddiem dina l-Qorti diversament ippreseduta. Dana ifisser li l-Attur tant kien irrabjat ghax jaf illi huwa ma ghandu ebda forma ta' titolu legali jew argument legali fuq il-medda ta' dina l-art li qed jipprova ibellghahha lilu nnifsu illi huwa ghandu xi pretenzjoni: tant hu hekk illi l-kawza ghamel f'ismu biss, anke jekk qed infondatament qed jallega illi xi parti minn dina l-art huwa ghandu xi jeddijiet fuqha flimkien ma' membri ohra ta' familtu meta dana mhux il-kaz u ghalhekk it-talbiet attrici huma frivoli u vessatorji, kif qed jidher tant ovvju. Il-kawza intavolata mill-INTIMATI KONVENUT qua ATTURI giet ipprezentata nhar il-Hamis 18 ta' Novembru 2021: allura l-Attur odjern WAHDU qaghdt jistenna sakemm jigi notifikati biha qabel b'mod frenetiku fetah proceduri legali b'ghagla li legalment ma ghamlu ebda sens, peress illi l-verita' hi li l-Attur odjern qatt ma kellu mhux biss xi jedd, izda lanqas interess f'dina l-art kieku f'pajjizna mhux ghaddej minn dana l-perjodu fejn kull farka ta' art saret ta' valur prezzjus? DIK HI D-DOMANDA u mhux jekk

ghandux xi drittijiet fuq dina l-art NAZZARENU BARBARA meta ex admissis da parti tieghu, huwa tabilhaqq ma ghandu xejn, anke kif ikkonfermat mis-Sentenza relatata mal-Mandat ta' Inibizzjoni li l-Attur tilef bl-ispejjez b'kollox u d-Dokumenti stess li l-Attur esebixxa li minnhom jirrizulta biss illi l-art hija proprjeta' assoluta tal-INTIMATI FAMILJA BARBARA, li tiddependi fuq dina l-art ghall-ghixien taghha u fejn il-kbir fost l-ahwa huwa rregistrat bhala FULL TIME FARMER u hija biss il-FAMILJA INTIMATA li tircievi u tiehu s-sussidju mill-Istat li jinghata biss lit-Titulari ta' xi rabgha, kif bla dubju taf ben tajjeb dina l-Onorabbli Qorti. Il-kobor ta' dina l-art huwa approssimament ta' 8198 metri kwadri u hija kollha kemm hi proprjeta' assoluta tal-INTIMATI FAMILJA BARBARA kif qed jigi sottomess. Dana bi provi mhux bhall-Attur minghajr ebda provi izda bis pretenzjonijiet fierhgha tieghu!!

19 a. Illi, ghalhekk, huwa ta' htiega imperattiva li dina l-Onorabbli Qorti kif ippreseduta jkollha quddiema fl-Atti ta' dina l-kawza, kopja ufficjali tac-Citazzjoni li ntavolaw l-Intimati Familja BARBARA f'Novembru 2021 li prezenzjalment qeghda quddiem dina l-Onorabbli Qorti diversament ippreseduta kif gja gie spjegat. Importanti li ssir referenza ghall-pagna 7 ta' dik ic-Citazzjoni u partikolarment ghall-paragrafu 9 b'referenza ghad-Dokuent datat 13 ta' April, 2021, Dikjarazzjoni Numru 25/2021, iffirmata minn JOSEPH BORG, Ufficjal Agrikolu, li xxejjen IN TOTO u ghal kollox l-allegazzjonijiet infondati f'kull sens tal-Attur odjern. Dina hija kawza li saret biss fuq ghira bejn l-ahwa: il-kuncett li nsibuh fil-Bibbja ta' ABEL u KAJJIN u l-konsegwenzi li dina l-ghira ggib maghha. Issir Referenza ukoll ghar-Rapport u Pjanta tal-Perit Arkitett u Inginier Civili HECTOR ZAMMIT datati 12 ta' April, 2021, dejjem f'dik il-kawza, pagna 7. Illi

ssir referenza ukoll ghall-ITTRA GUDIZZJARJA datata t-Tnejn, 6 ta' Settembru, 2021, indikata ukoll f'dik il-kawza pendenti, li tghamilha kategorikament carissima li ma sehhx ebda spoll u li dina l-kawza odjerna saret biss biex tahli l-hin tal-Onorabbli Qorti u ddahhal fi spejjez mhux mixtieqa lill-INTIMATI FAMILJA BARBARA apparti mill-hela ta' hin prezzjus lill-INTIMATI li essenzjalment hija Familja ta' bdiewa u jghixu minn hemm, cioe' l-art mertu ta' dina l-kawza proprjeta' assoluta tal-intimati u li minnha l-Attur odjern ma ghandu xejn ghajr il-MERA TOLLERANZA li issa giet mitmuma mill-INTIMATI BARBARA;

20. Illi, ghaldaqstant, ma hemmx ebda bazi legali u fattwali biex tissostanzja dina l-kawza li ghandha tigi mwaqqfa ghar-ragunijiet imsemmija u mfissra (u msahha b'Dokumentazzjoni), ukoll bl-ispejjez kollha kontra NAZZARENO BARBARA, l-Attur li ma gie spoljat assolutament minn xejn. Id-Dokumenti esebiti mill-istess Attur huma fihom infushom prova carissima kemm dak li qed isostni l-Attur ma ghandu ebda bazi legali u fattwali, billi dawna d-Dokumenti fil-parti l-kbira taghhom huma tal-INTIMATI FAMILJA BARBARA li qeghdin jew jigu utilizzat fil-kawza ntavolata mill-istess INTIMATI bhala Atturi, liema kawza issa qeghda ghat-Tieni Dehra taghha quddiem dina l-Qorti diversament ippreseduta, kif gja gie muri aktar 'l fuq;

21. Illi ssir referenza ghad-Dokumenti hawn mehmuza, fost ohrjan li jigu esebiti tul il-mori tal-kawza u dejjem jekk il-kawza totalment infondata bhala stat ta' fatt u fid-dritt, titkompla. Dawn il-ftit Dokumenti, fost ohrajn, juru bic-car kemm huma legalment u fattwalment infondati t-talbit ta' dana Nazzareno Barbara u ghala ghandu jerga' jehel bl-

ispejjez ta' dawna l-proceduri kif gralu fil-proceduri tal-Mandat ta' Inbizzjoni li huwa stess inizja u fejn deher car li ma kellux ebda provi. Tant hu hekk illi d-Dokumenti kollha esebiti mill-Attur ittiehdu minghand l-INTIMATI FAMILJA BARBARA u dana ghaliex l-Attur qatt ma kellu konnessjoni formali ma' dina l-Art, ahseb u ara kemm sehh spoll vjolenti!! L-intimati sejrin jehmzu xi Dokumenti ma' dina r-RISPOSTA GURAMENTATA taghhom u lesti li jesebixxu ferm izjed Dokumenti jekk il-kawza titkompla billi ma fiha ebda bazi legali u / jew fattwali;

22. Tant ghandhom x'jikkonfermaw l-INTIMATI FAMILJA BARBARA, li JAFU DAWNA L-FATTI KOLLHA PERSONALMENT, u fejn BIL-GURAMENT taghhom (a skopijiet ta' nuqqas ta' affolazzjoni) qeghdin jikkonfermawhom bil-Gurament l-ahwa BENIGNO BARBARA ta' 52 sena u huh iz-zghir ANTOINE BARBARA ta' 32 sena, ghoxrin sena izghar;

23. BL-ISPEJJEZ KOLLHA KONTRA L-ATTUR NAZZARENO BARBARA;

24. HEKK ALLA JGHIN BIEX IS-SEWWA JIRBAH ZGUR!!'

Rat illi fil-verbal datat 17 ta' Marzu 2022 din il-Qorti rrifjutat illi tissospendi l-proceduri sabiex tistenna l-ezitu ta' kawza petitorja illi giet intavolata bejn l-istess partijiet u dan stante li l-ligi tirrikjedi li l-azzjoni tal-ispoll tigi deciza b'urgenza;

Rat illi fil-verbal datat 13 ta' Frar, 2024 ir-rikors gie differit ghallum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta ' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawza odjerna tikkonsisti f'kawza ta' allegat spoll vjolenti u klandestin fejn ir-rikorrent jsostni li huma kienu fil-pussess ta' art maghrufa bhala "Habel it-Twil" tal-kejl ta' circa 8198m2 fl-inhawi ta' Fuq Ghar Dalam f'tax-Xerriek fil-limiti ta' Birzebbuga, Malta u li fuq parti taghha jallegaw li l-intimati dahlu, kkaparawha u zrawha. Jitlob għalhekk permezz ta' dan ir-rikors intavolat nhar it-23 ta' Dicembru, 2021 li din il-Qorti tordna lill-intimat jirripristina l-istatus *quo ante*.

L-intimati Barbara f'risposta inutilment twila u konfuzjonarja u minn dak li setghet tifhem din il-Qroti jwiegbu li huma ma wettqu l-ebda att spoljattiv w'għalhekk jitolbu li din il-Qorti tichad it-talbiet tar-rikorrenti. L-intimati jeccepixxu l-preskrizzjoni akkwizittiva billi skonthom ilhom jokkupaw l-art ghall-iktar minn hamsin sena. Jissottomettu ukoll illi r-rikorrent qatt ma hadem ir-raba' in kwistjoni u li t-talbiet tieghu huma frivoli u vessatorji minhabba n-nuqqasijiet procedurali mehtiega skont il-ligi f'kawza ta' spoll.

**Bażi Legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqieghda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodici ta ' Organizzazzjoni u Procedura C ̇ivili."

Illi skond l-artikolu 535 tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta ' Malta l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi tag ħ ha tlett fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjlai, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jieħu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni għandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni soċjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tiġi qabel xejn reintegrata fil-pussess tagħha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghall-fatt ta 'min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah

minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa maghruf ukoll li f'kawżi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet **Delia vs Schembri** (deċiża mill-Prim 'Awla fl- 4 ta 'Frar 1958) gie ritenut illi:

'*L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita ' privata jagħmel ghad-dannu ta 'terza persuna att li ghalkemm jista 'jkollu dritt ghalih ma jistax jezercitah minghajr intervent tal-Qorti.*'

Illi fi kliem **Pacifici Mazzoni** spoll vjolenti huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza **Margherita Fenech vs Pawla Zammit** (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

> *'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

> '*Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leg˙islazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux g˙uristi u awturi*

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*

*Franc˙izi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*'(Cardona vs Tabone, Appell Ċivili, deċiża fid-9 ta 'Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All' attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]'*:*

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Għalhekk pussess *qualunque*, anki purament materjali u *di fatto*, anki qasir ħafna u saħansitra momentanju huwa suffiċjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bażat fuq mera tolleranza.[6]

---

[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*

[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*

[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*

[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi** deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

'***dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur.*** *Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'* (sottolinear aġġunt)

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) f'**Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar**, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privilegggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'**Georgina Borg v. Errol Cassar et** (21.10.2002) il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix- xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni**

Illi l-ligi tirrikjedi li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tigi deciza mill-Qorti f'kap separat qabel ma tinghata d-decizjoni fil-mertu. Fil-kaz odjern jirrizulta li l-intimati qajjmu l-preskrizzjoni akkwizittiva billi jsostnu li ilhom jokkupaw l-art ghall-iktar minn hamsin sena. Jibda' sabiex jigi precizat illi din il-Qorti ma hix se timbarka fuq xi stharrig ta' titolu akwisittiv anke ghaliex se mai dan huwa mertu ta' kawza petitorja. Manadakollu, il-Qorti ser tisthareg dan l-element limitatament ai fini tal-pussess rikjest mill-ligi favur ir-rikorrenti ghall-azzjoni ta' spoll u xejn aktar, ghalhekk ma hi ser taghti l-ebda decizjoni fuq xi preskrizzjoni favur l-intimati.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Nazzareno Barbara**[7] fejn fih isostni li r-raba' mertu tal-kaz kien jinhadem minn missieru Consiglio Barbara li kellu wkoll il-bhejjem. Jinnota li qabel is-snin sebghin hu u erba' minn hutu subien kienu jaghmlu uzu minn din l-ghalqa ghall-kacca u l-insib kif ukoll biex ikabbar il-haxix u frott. Jixhed li hu jien juza l-parti ta' fuq tar-raba', liema bicca ghadu juza' llum. Jghid li huh Spiridione Barbara (li miet fid-9 ta' Gunju 2015), zewg l-intimata Giuseppa Barbara u missier l-intimati Benigno u hutu, beda jaghmel uzu mir-raba' wara s-snin sebghin meta telaq mid-Dockyard u mill-kostruzzjoni u beda jrabbi l-bhejjem. Jispjega li l-bicca tar-raba' li kien juza hu tikkonsisti f'gorbog kbir hafna li kien waqa' fis-snin tmenin u li minflok bejn l-1985 u l-1990 bena kamra li ghadha hemm sal-lum u li maz-zmien maghha zied xi kmamar ohra, liema kmamar kien juza meta kien ikun ghal kacca u sabiex

[7] a fol. 69 tal-process

izomm xi affarijiet relatati mal-biedja. Jghid li sar jaf li r-raba' kien irregistrat fuq Spiru ftit zmien qabel ma bdew il-kawzi bejnu u bejn l-intimati, ghaliex qatt ma ha interess jirregistra r-raba' fuqu anke ghaliex kien minghalih li huma ma kinux s-sidien tar-raba' u huwa kien jahdem r-raba' bhala delizzju u mhux ghan-negozju. Izid li sakemm huh kien ghadu haj qatt ma kellhom problemi fuq l-uzu tar-raba'. Ricentament uliedu Generoso u Consuelo bdew jahdmu u jaghmlu uzu mill-bicca li huwa kien jahdem. Jghid li meta ibnu Consuelo ghalaq sittax-il sena beda jmur jorqod f'din il-kamra u sahansitra ghamel il-pannelli solari sabiex ikollu dawl, hemm sistema' tal-ilma imqabbda mal-vaska kif ukoll hemm television, toilet u sink fil-kamra. Jispjega li matul iz-zmien uliedu ghamlu diversi spejjez fl-ghalqa inkluz il-bini ta' vaska ohra kbira. Jixhed ukoll li wara l-mewt ta' huh Spiru huwa kien ta lil ulied huh kamra zghira magenb dik li gieli kien joqghod fiha ibnu sabiex juzawha ghall-kacca u l-insib u li maz-zmien waqqawha u bnew ohra akbar flokha. Jinnota li bejn Marzu u April 2021 l-intimat Benigno Barbara kien kellem lil ibnu Consuelo u nfurmah li kienu kellmuh is-sidien tal-ghalqa li infurmawh li jriduha lura. Wiehed minn ulied is-sidien kien kellem ukoll lill-Consuelo. Kien ghalhekk li l-intimat Bengino u Consuelo decidew li javvicinaw lil Avukat li kien infurmhom li r-raba' kien tal-familja u mhux ta' dawn is-sidien. Fl-10 t'April 2021 bintu Marica Barbara irciviet korrispondenza minghand l-Avukat permezz ta' liema huma indunaw li l-intimat Benigno kien qiegħed jahdem kontrihom. Jghid li ibnu kien attenda ghand l-avukat minfloku ghaliex hu kien fi kwarantina u ma setax johrog mid-dar. Successivament fit-3 ta' Dicembru 2021 kienet saret ittra ufficjali fil-konfront ta' ibnu u l-intimat Bengino Barbara fejn intalbu

jizgumbraw mir-raba'. Kien wara din l-ittra li nbdiet il-kawza mill-intimati kontrih sabiex jizgombra mir-raba' sakemm fl-21 ta' Dicembru 2021 jghid li komplew jiehdu l-affarijiet b'idejhom. Jispjega li dakinhar mar l-ghalqa fejn kien hemm l-intimat Benigno Barbara bil-van li kien fih iz-zerriegha tal-patata u kienu qeghdin jizirghu kemm il-bicca taghhom u l-bicca li kien jahdem hu. L-intimat Silio Barbara kien qieghed inewwel iz-zerriegha lil terza persuna jismu Salvu li kien qed juza l-mutur taz-zerriegha. Izid li huwa lemah lill-intimat Antoine Barbara li kien qed jistahba. Jghid li kif ra dan huwa beza jkellimhom hu u mar immedjatament l-Ghassa tal-Pulizija jaghmel rapport bin-numru 5/J/3791/2021 u beda l-proceduri odjerni. Jikkonferma wkoll li huwa ma ta l-ebda kunsens sabiex xi hadd jidhol u jizra' l-bicca tar-raba li kien jahdem hu. Jispjega li huwa fetah il-proceduri ukoll kontra l-intimata Giuseppe Barbara peress li ftit gimghat qabel ma l-intimati uliedha dahlu fil-parti fejn hu jahdem, din kienet qaltlu li r-raba' kollu inkluz fejn huwa kien zera' il-ful kien taghhom. Jinnota anke permezz tal-pjanta[8] annessa mal-affidavit tieghu illi l-parti tar-raba' li hu kellu pussess taghha sal-21 ta' Dicembru 2021 kienet dik immarkata bl-ahdar u l-blu u li fid-data indikata l-intimati spussessawh mill-parti l-hadra fejn kellu l-ful mizrugh kif anke jidher fir-ritratt[9] mehud minn ibnu Consuelo esebit fl-atti li juri lilu jizra l-ful xahrejn qabel l-akkadut.

In kontro-ezami[10] indika bl-ahmar iz-zona fuq il-pjanta f'fol. 7 tal-process illi skontu gie spussessat minnha. Jghid li sa minn tfulitu

[8] a fol. 72 tal-process
[9] a fol. 74 tal-process
[10] a fol. 109 tal-process

kien juza din il-parti bhala delizzju. Jixhed li huh kien juza parti ohra u li qatt ma kellhom argumenti tant li kienu jizrawlu, isaqqu u jahartu l-art huh Spiridione Barbara u l-intimati uliedu. Jghid li hu dejjem hadem in il-parti mir-raba' in kwistjoni dejjem. Mistoqsi ghalfejn ma kienx irregistra l-art f'ismu mal-Ghammieri jirrispondi li kien qalulu li ma kienx permess illi jitnizzlu zewg ismijiet u jghid li qatt ma ra dokumenti ta' registrazzjoni. Mistoqsi jekk ir-ritratt li esebixxa ittihidx qabel jew wara li nfethet il-kawza odjerna jghid li ma jiftakarx.

Rat l-affidavit ta' **Consuelo Barbara**[11] bin ir-rikorrent li jghid li hu dejjem jiftakar lil missieru jahdem dik il-parti tar-raba' immarkata bl-ahdar u l-blu fil-pjanta annessa mal-affidavit tar-rikorrent. Jixhed ukoll li kien hemm zmien fejn kienu jahdmu ukoll bicca vicin il-vaska l-kbira wara z-zmien li kieent tinqala' l-patata mizrugha mill-intimat Bengino Barbara. Jispjega li  meta ghalaq sittax-il sena kien beda jorqod ta' spiss fil-kamra li tinsab vicin il-bicca mmarkata bl-ahdar fil-pjanta u hekk ghadu jaghmel sal-lum partikolarment bejn Settembru u Marzu ta' kull sena u jnaqqas milli joqghod hemm wara Marzu meta tibda s-shana. Izid li matul is-snin installa wkoll panelli biex ikollu d-dawl u li l-kamra hija mghamra ukoll bl-ilma mill-vaska fil-vicin.  Jghid li fil-21 ta' Dicembru 2021 kien fil-kamra li tinsab fil-parti l-blu indikata fil-pjanta u ra lill-intimati Silio u Benigno Barbara gejjin bil-van lejn il-parti l-hadra, filwaqt li certu Salvu kien gej bit-tractor. Meta waslu Silio beda jitfa' iz-zerriegha tal-patata li kienet tinsab fil-van li fih kien hemm Benigno fil-lembut tat-tractor ta' Salvu. Izid li wara li Benigno telaq baqghu Silio u

[11] a fol. 75 tal-process

Salvu. Ftit jiem qabel kien hemm argument fejn Francois hebb ghar-rikorrent u hu kien mar jiddefendih, wara li pruvaw ikeccuhom mir-raba'. Jghid ukoll li kien jaf li missieru kellu jmur l-ghalqa u ghalhekk stennih. Kif wasal kienu ghadhom qed jizirghu. Waqt li missieru mar jaghmel rapport huwa baqa' jara x'kienu qed jaghmlu. Kif telaq missieru wasal Antoine u mar hdejn Salvu u Silio. Jinnota li sal-lum Silio u Benigno ghadhom jidhlu fil-parti immarkata hadra biex ibeghxxu u jsaqqu l-patata li ser tinqala' ghal habta ta' Mejju. Jghid ukoll li hu mar f'isem missieru ghand l-Avukat Bezzina peress li kien kellmu bin wiehed mis-sidien, fejn jghid li gie infurmat li r-raba' issa hija taghhom ghaliex ghaddew aktar minn tletin sena. Jghid li meta Benigno gie mistoqsi hux se jirregistra r-raba' fuqu hu oggezzjona ghaliex missieru kien jahdimha ukoll u beda jissuspetta hazin anke ghaliex ftit qabel kien sema' ukoll lil Bengino jistaqsi lill-Antoine ghaliex hu kien sejjer maghhom ghand l-Avukat. Jikkonferma ukoll li hu qatt ma ta' permess sabiex xi hadd jidhol fil-parti tar-raba' li jahdmu hu u missieru u jizra l-patata, anke peress li f'din il-bicca huma diga kellhom il-ful jikber kif jidher mir-ritratt li jinsab mal-affidavit ta' missieru r-rikorrenti, liema ful inqala' minn Benigno u hutu.

Rat l-affidavit ta' **Marica Barbara** [12] li kkonfermat illi meta r-rikorrent missierha ikollu bzonn jaghti l-email address taghha ghaliex hu m'ghandux u ma jafx juza email. Tghid li kienet irceviet korrispondenza mill-Avukat Bezzina fl-10 t'April 2021 indirizzata lill-Perit Hector Zammit sabiex jibdel xi affarijiet fir-rapport tieghu

[12] a fol. 77 tal-process

fejn ukoll infurmah li hemm sid wiehed. Hija infurmat b'dan lir-rikorrenti u lil huha.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' **Anthony Axisa**[13] li jghid li ghandu l-ghalqa adjecenti ghas-sit in kwistjoni u li kull darba li kien imur jahrat jew jahdem l-ghalqa dejjem kien isib lill-Nazzareno Barbara kif ukoll lil Consuelo Barbara jahdmu l-ghalqa taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' **Carmelo Barbara u Josephine Barbara**[14] li jghidu li kemm qabel kif ukoll wara li-mewt ta' Consiglio Barbara kemm Spiridione kif ukoll Nazzareno Barbara kienu jahdmu l-ghalqa hekk denominata "Ta' Habel it-Twil" tal-kontrada "Tax-Xerriek" limiti ta' Birzebbuga kull wiehed jizra u jahsad, jikkacja u jonsob fiha liberalment u dana minn dejjem u anke it-tfal ta' Nazzareno Barbara kienu jmorru hemm ukoll.

Rat ix-xhieda ta' **RPC 3025 Antonella Busuttil**[15] u d-dokumenti minnha prezentati. Rat ukoll ir-rapport minnha prezentat jindika li fit-22 ta' Dicembru 2021 r-rikorrent mar gewwa l-Ghassa ta' Birzebbuga u stqarr li ghandu ghalqa gejja min-naha ta' missieru fejn kien qed jizra  hu u dahlu fiha l-familja ta' Benigno Barbara.

Rat ix-xhieda tal-intimat **Benigno Barbara**[16] fejn jispjega li huwa bidwi *full-time* u li sa mill-eta' ta' ghaxar snin dejjem kien imur ma missieru l-ghalqa. Jghid li qabel l-art kienet tghajjat lil nannuh u wara lil missieru Spiru Barbara, peress li dan kien imur jghinu. Jinnota li peress li missieru kien irabbi l-bhejjem huwa kien jizra r-

[13] a fol. 81 tal-process
[14] a fol. 82 tal-process
[15] a fol. tal-process
[16] a fol. 126 tal-process

raba′ bil-qamh. Fl-2007 meta missieru hareg bil-pensjoni din l-ghalqa bdiet tinzergha bil-patata, sabiex tigi esportata. Meta miet missieru fl-2015 hu beda jahdem l-ghalqa. Jghid li r-rikorrent zijuh qatt ma hadem l-ghalqa izda kellu bicca mill-ghalqa fejn jonsob ghall-pluvieri u fuqha ghamel zewg imnasab bil-buona volonta ta′ missieru. Izid li zijuh ried jaghmel mansab iehor meta kien ghadu haj missieru u jaf li kienu illatikaw fuq dan. Mistoqsi in kontroezami jinsisti li r-rikorrent kien jaghmel uzu mill-ghalqa ghall-insib bil-kunsens ta' missieru. Mistoqsi dwar il-vaska li hemm f′din l-ghalqa, jirrispondi li din hija ghadira li saret minn huh u li hallas ghaliha hu stess, filwaqt li bin ir-rikorrent Consuelo kien gab xi xkejjer ta′ materjal. Izid li din l-ghadira kienet tintuza mir-rikorrent ghall-kacca. Mistoqsi dwar jekk ir-rikorent kienx jaghmel uzu mill-bicca raba′ hdejn is-sigar jghid li qatt ma kien jaghmel uzu u li dan kien jahdem bicca art zghira mal-kamra.

Rat ukoll ix-xhieda moghtija mill-intimat Benigno Barbara fl-atti tal-kawza 1136/2021 quddiem din il-Qorti diversament preseduta inseriti fl-atti ta' din il-kawza[17], fejn meta mistoqsi f′liema parti mill-ghalqa kien jizra r-rikorrent jirrispondi li fil-parti n-naha tas-sigar fejn kienu ha r-ritratti r-rikorrent u gew prezentati fil-kawza odejrna:

> ***Dr Bonello:*** *U liema. meta tghid inti z-ziju jizra, f′liema naha tal-ghalqa kien jizra z-ziju?*
>
> ***Xhud***: *Iz-ziju jizra man-naha tad-dura tieghu.*
>
> ***Dr Bonello***: *man-naha tad-dura tieghu, jigifieri inti u diehel, in-naha fejn hemm is-sigar biex niftehmu?*

[17] a fol. 168 tal-process

***Xhud**: In-naha ta' fejn hemm is-sigar fejn intom kontu hadtu xi ritratti wkoll, u dahhaltuhom fil-kawza l-ohra.*

Il-Qorti rat l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni in vista' tal-pretensjoni tal-intimat.

Il-Qorti mill-atti kollha tirrileva s-segwenti:

1. ir-raba' mertu tal-kawza maghruf bhala "Habel it-Twil" tal-kejl ta' circa 8,198m2 fl-inhawi ta' Fuq Ghar Dalam f'Tax-Xerriek fil-limiti ta' Birzebbuga kien originarjament jinhadem minn missier r-rikorrent u cioe' in-nannu tal-maggoranza tal-intimati.

2. ir-rikorrent u huh Spiridione Barbara flimkien ma' tnejn minn huthom is-subien kienu jaghmlu uzu minn partijiet differenti tar-raba' in kwistjoni;

3. ir-rikorrent kien juza' parti mir-raba' indikat sabiex jikkacja, jonsob kif ukoll ikabbar xi prodott ghall-uzu personali, filwaqt li hu u ibnu kienu jaghmlu uzu ukoll minn kmamar mibnija ukoll fl-istess parti tar-raba'.

4. il-parti tar-raba' mertu tal-kawza odjerna jifforma parti mill-habel ikbar ta' madwar 8,198m2 ukoll ma hux ikkontestat, hekk kif huwa kjarament deskritt kemm mir-rikorrent kif ukoll mill-intimati fix-xhieda taghhom.

5. ma hux kontestat li r-rikorrent qatt ma rregistra r-raba' f'ismu. Madanakollu kif josserva tajjeb ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet

tieghu n-nuqqas ta' registrazzjoni ma jfissirx awtomatikament illi ma kienx qed jezercita pussess fuq l-art in kwistjoni.

7. ir-rikorrent isostni li qatt ma kellu problemi ma huh Spiridione Barbara tant li taht istruzzjonijiet tar-rikorrent stess jghid illi l-huh u uliedu kienu jizrawlu, isaqqu u jahartu l-art. Kien biss ricentament li inqala d-dizgwit.

8. ir-rikorrent jispjega li maz-zmien ghamel diversi spejjez fir-raba' in kwistjoni, inkluz fost l-ohrajn sistema' ta' pannelli solari fuq il-kamra, kif ukoll bini ta' vaska u ghadira.

9. Il-fatt li r-rikorrent kien jahdem l-art huwa ikkonfermat ukoll mill-intimat Beginio Barbara fix-xhieda moghtija di sua sponte fl-atti processwali tar-rikors 1136/2021, ezebiti ukoll in atti. Minkejja li jikkontesta li l-ghadira nbiet minn huh, jghid li bin ir-rikorrent kien ha hsieb jiehu xi materjal ghall-bini taghha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-Qorti tirrileva li l-kawza odjerna hija propju wahda ta' allegat spoll u mhux kawza petitorja li ghaliha hafna mill-provi prodotti kienu ikunu iktar relevanti. Fil-kaz prezenti, dwar il-pussess, din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kunfliggenti kemm ghar-rigward ta' min jahdem l-partijiet differenti tal-kontrada tar-raba' kif ukoll ghar-rigward tal-uzu tad-diversi partijiet. Il-Qorti rat li meta mistoqsija in kontro-ezami r-rikorrent jghid li huwa kien iqabbad lill-intimati jizirghu, isaqqu u jahartu l-parti li taghha kellu pussess hu u dan propju ghaliex kienu jahdmu flimkien bla dizgwit

bejniethom. Da parti taghhom l-intimati minkejja l-verzjonijiet ta' xhieda kunfliggenti da parti tal-intimat Benigno Barbara stess, xorta wahda ma provdewx prova sufficjenti bizzejjed illi r-rikorrent ma kienx jizra' fil-parti tar-raba' indikata minnu, anzi a dirittura fid-diversi xhieda moghtija minn Benigno Barbara jidher car li r-rikorrent kien jizra fil-medda tal-art, minkejja li jinsistu li kien jaghmel dan bla titolu u li sempliciment kellu mera tolleranza sabiex imur jonsob ghall-pluvieri f'parti ohra mir-raba' u dan minkejja li meta kienu ghadhom jitkellmu kienu jaqsmu x-xoghol tar-raba inkluz it-tisqija u l-hrit.

Illi minkejja li r-ritratti prezentati mir-rikorrent ma jaghtux indikazzjoni tad-data li fiha ttiehdu fuqhom, l-affidavits tar-rikorrenti u ta' ibnu Consuelo Barbara it-tnejn jaghmlu referenza ghal dan ir-ritratt u r-rikorrent jghid li dan ir-ritratt ittiehed minn ibnu f'Ottubru 2021. In oltre xhieda ta' Anthony Axisa, Carmelo Barbara u Josephine Barbara jaghtu konfort lit-tezi tar-rikorrent li hu kien jahdem din l-art.

Illi din il-Qorti hija konvinta li qabel inqalghet il-kwistjoni bejn il-partijiet u l-potenzjal sidien tal-art illi r-rikorrent kien qed jaghmel uzu mill-art in kwistjoni, liema uzu jikwalifika bhala pussess, jew ta' lanqas ghall-mera detenzjoni kif tirrikjedi l-ligi.

Illi fil-kawża deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta 'Mejju 1956 fl-ismijiet "**Vincenzina Cassar et vs Annetto Xuereb Montebello"** inghad illi:

"Il-ġurisprudenza tat-Tribunali tagħna dejjem kienet kostanti fl-interpretazzjoni ta' dawn il-liġijiet, fis-sens li l-azzjoni ta ' spoll hija 'di ordine pubblico', unikament u esklussivament intiża biex timpedixxi li wieħed jagħmel ġustizzja b'idejh mingħajr l-intervent tat-tribunal Ċivili, u tipprevjeni l-konsegwenzi deplorevoli ta 'aġir simili. Għalhekk il-liġi tivvjeta l-allegazzjoni ta' kwalsiasi eċċezzjoni li ma tkunx dilatorja kontra r-reintegrazzjoni u tiċċirkoskrivi l-eżami tal-Qorti għall-fatt biss tal-pussess u tal-ispoll denunzjat. Ir-reintegrazzjoni għandha dejjem tiġi ordnata mill-Qorti, kwantunkwe l-pussess jsita' jkun vizzjat u min jikkommetti l-ispoll ikun il-veru proprjetarju tal-ħaġa li minnha lpossessur tagħha jkun ġie spoljat."

Illi ghal dak li huwa l-element tal-ispoliatum fuisse r-rikorrent u ibnu jixhdu kjarament li huma raw lill-intimati jizirighu fil-parti tar-raba' fil-pussess tar-rikorrenti tant li ppruvaw iwaqqfuhom izda dawn ma waqfux. Fl-istess jum ir-rikorrenti irrikorra sabiex jaghmel rapport bil-pulizija. L-istess intiamti ma jichud li kienu huma li zergghu f'din il-parti tar-raba' in kontestazzjoni appuntu ghaliex minghalihom saret taghhom bil-preskrizzjoni anki ghaliex hekk qalilhom l-avukat.

Illi dwar l-element tal-*infra bimestre* il-Qorti rat id-data tar-rapport li sar mir-rikorrent mal-Pulizija li hija dik tat-22 ta' Dicembru, 2021 (fol. 86). Rat illi l-kawza odjerna giet intavolata nhar it-23 ta' Dicembru, 2021w'ghalhekk entro t-terminu tax-xahrejn imposti mil-ligi.

Jirrizulta ghalhekk minn dak kollu suespost li l-elementi kollha tal-kawza ta′ spoll tentata mir-rikorrent gew sodisfatti b′dana li t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu milqugha.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta′ u tiddeciedi l-kawza odjerna billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma′ dak hawn deciz tghaddi sabiex:

1. Tilqa′ l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi għar-raġunijiet premessi l-intimati kkommettew spoll riċenti, vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrent u dan meta daħlu u żergħu fil-parti li kienet tintuża esklussivament mir-rikorrent u wliedu mill-għalqa magħrufa bħala "Ħabel it-Twil" tal-kejl ta' *circa* 8,198 metri kwadri fl-inħawi ta′ Fuq Għar Dalam f′tax-Xerriek fil-limiti ta′ Birżebbugia;

2. Tilqa′ t-tieni talba tar-rikorrent u tordna lill-inimati sabiex fi żmien xahar minn meta din id-deciżjoni ssir ġudikat, joħorġu mill-imsemmija raba′ u jneħħu minn hemm kwalsiasi ħaġa appartenenti lilhom u dan sabiex ir-rikorrent jerġa′ jiġi mqiegħed fil-pussess jew detenzjoni tal-imsemmija parti mill-għalqa magħrufa bħala "Ħabel it-Twil" tal-kejl ta′ *circa* 8,198 metri kwadri fl-inħawi ta′ Fuq Għar Dalam f′tax-Xerriek fil-limiti ta′ Birżebbugia;

3. Tilqa′ t-tielet talba tar-rikorrent u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent jagħmel dak kollu meħtieġ a spejjez tal-intimati sabiex ir-rikorrent jerġa′ jiġi mqiegħed fil-pussess jew detenzjoni tal-

imsemmija parti mill-għalqa magħrufa bħala Ħabel it-Twil" tal-kejl ta' *circa* 8,198 metri kwadri fl-inħawi ta' Fuq Għar Dalam f'tax-Xerriek fil-limiti ta' Birżebbugia filwaqt li ma tqisx li hemm bzonn f'dan l-istadju li jigi nominat perit ghal dan il-ghan;

Bl-ispejjeż kollha kif mitluba kontra l-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' Jannar 2025**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 Jannar 2025**